MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## MICHAEL MALLIA

Seduta ta' l-10 ta' Lulju, 2014

Appell Kriminali Numru. 297/2011

Il-Pulizija

[Spettur Anthony Agius]

Vs

Adrian Sultana

Illum, 10 ta' Lulju, 2014

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-appellat Adrian Sultana detentur tal-karta ta' l-identita 150073M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli :

Fuq talba tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni akkuzat talli bhala direttur tal-kumpanija Sultana Enterprises Limited (C17158) ghas-snin 1998, 2001, 2004 u 2005 b'diversi atti maghmulin minnhu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jkunu jiksru l-istess dispozizzjoniji tal-ligi u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda naqas li jibghat il-formuli tat-taxxa skond id-dispozizzjonijiet tar-regoli msemmija fis-

subartikoli (1) u (2) tal-artikolu 23 tal-Kap 372 kif ukoll fir-regoli tal-1998 dwar Final Settlement System (FSS) A.L. 88 tal-1998 mahruga ai termini tal-hawn fuq imsemmi artikolu 23 naqas milli jhares id-dispozizzjonijiet ta' dawk ir-regoli.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-17 ta' Gunju, 2011 fejn il-Qorti laqghet l-eccezzjoni ta' l-appellat u ddikjarat l-azzjoni fil-konfont tieghu bhala preskritta.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali fil-konfront ta' Adrian Sultana pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar is-6 ta' Lulju, 2011 li permezz tieghu talab lil din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok issib lill-appellat hati ta' l-akkuza kif dedotta kontra tieghu u tinfliggi l-piena skond il-ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant, esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Illi l-aggravju tal-appellant li in succint huwa is-segwenti :

Illi l-espoenent huwa tal-fehma illi l-Qorti tal-Magistrati ma setghetx legalment u ragonevolment tasal ghall-konkluzjoni minnha milhuqa, u dan stante li hawn si tratta ta' reat permanenti, li l-istat antiguridiku ghadu ma giex rimedjat, u li kwindi r-reati adebitati lill-appellat ghadhom jezistu u jibqghu jezistu sakemm l-istess appellat ikun ikkonforma ruhu mal-ligi. L-appellat kien u ghadu l-persuna responsabbli biex jibghat id-denunzji, bil-hlas rispettiv ghas-sena indikata fl-akkuza. Sakemm jghamel dan, il-perjodu preskrittiv lanqas biss jibda` jiddekorri. Di piu l-preskrizzjoni timxi man mano mar-reat li jkun u n-natura tal-istess, kif jirrizulta wkoll mid-dicitura tal-lgii ai termini tal-artikolu 691 (1) tal-Kapitolu 9 tal-artikolu 23(12) tal-Kapitolu 372. Ma taghmilx sens li persuna tkun tista tevita r-responsabilitajiet taghha applikabbli ghall-perjodi relattivi sempliciment ghax ma baqax f'dik il-kariga, u dan partikolarment jekk il-ksur ikun ghadu ezistenti kif jidher li huwa l-kaz hawnhekk u kif filfatt gie apprezzat minn l-ewwel Onorabbli Qorti.

Ikkunsidrat,

Irrizulta mill-provi illi l-appellat Adrian Sultana kien direttur tas-socjetà Sultana Enterprises Limited liema socjetà naqset milli tibghat il-formoli ghat-taxxa ghas-snin 1998, 2001, 2004 u 2005, kif indikat fl-akkuza. Irrizulta illi l-appellat irrizenja minn direttur ta' din is-socjetà fil-hmistax (15) ta' Dicembru tal-elfejn u hamsa (2005). Illi

gialadarba l-appellat kien responsabbli biex jibghat dawn il-formoli ghall-perjodu indikati fl-akkuza u naqas milli jaghmel dan, inbdew il-proceduri odjerni fil-konfront tieghu.

B'sentenza tas-17 ta' Gunju 2011 il-Qorti tal-Magistrati iddikjarat l-azzjoni fil-konfront tal-appellat bhala wahda preskritta peress illi l-proceduri gew intavolati ferm wara d-dekors ta' sentejn mid-data tar-rizenja tal-appellat mill-kariga tieghu ta' direttur tas-socjetà msemmija.

L-Avukat Generali hassu aggravat minn din is-sentenza u minnha interpona appell peress illi deherlu illi l-Qorti tal-Magistrati ghamlet applikazzjoni zbaljata tal-ipotesi tal-ligi meta iddikjarat l-azzjoni preskritta. Dana il ghaliex si tratta ta' reat permanenti li jfisser li z-zmien tal-preskrizzjoni jibda jiddekorri mill-jum illi fih ma tibqax il-permanenza tar-reat.

Ikkunsidrat:

Din il-Qorti kellha okkazjoni tidhol f'din il-kwistjoni fil-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija kontra Joseph Mary Debono" tad-9 ta' Dicembru 2011 fejn iddecidiet li r-reati kontemplati taht il-Kap 372 huma ta' natura permanenti u l-preskrizzjoni hekk tibda tghaddi minn dik il-gurnata illi ma tibqax il-permanenza tar-reat. Fil-fatt il-Qorti kienet qalet "hemm zewg kwistjonijiet partikolari x'jigu ventilati minn din il-Qorti qabel ma tidderimi din il-kwistjoni ta' preskrizzjoni. L-ewwel hija jekk ir-reati kontemplati taht il-Kap 372 humiex reati istantani jew permanenti u t-tieni direttur li ma jkunx fil-kariga jibqa' responsabbli ghall-obbligazzjonijiet assunti minnu versu l-Kummissarju tat-Taxxi Interni ... Il-Qorti tirrileva però illi ghal dan il-kaz partikolari stante li si tratta ta' "lex specialis" ghandhom japplikaw it-termini tal-istess ligi u l-proviso tal-artikolu 23(12) tal-Kap 372 li jitkellem car u jispecifika illi z-zmien tal-preskrizzjoni ma ghandu qatt jibda ghaddej qabel ma dik il-persuna tkun osservat ghal kollox id-dispozizzjonijiet tal-istess artikoli. Kwindi, direttur fil-kariga jibqa' responsabbli versu l-Kummissarju tat-Taxxi Interni ghal dawk is-snin kollha li jkun naqas milli jibghat ir-returns u dokumenti lill-istess Kummissarju u r-reati kontemplati fil-Kap 372 ghandhom jitqiesu bhala ta' natura permanenti u jibqghu

hekk sakemm id-direttur jew il-persuna koncernata tottempora ruhha mal-ligi u tibghat l-informazzjoni rikjesta lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni."

Ghalhekk din il-Qorti jidhrilha illi l-ewwel Qorti ma kellhix tiddikjara l-azzjoni bhala preskritta u kellha tkompli tisma' l-kaz fuq il-meritu rigward l-appellat. Izda din il-Qorti hija f'pozizzjoni li tiddisponi minn dan il-kaz fil-meritu stante zviluppi illi graw fil-mori ta' dan l-appell.

Ikkunsidrat:

Jidher illi d-Dipartiment tat-Taxxi Interni wasal f'arrangament ma' missier l-appellat, Carmelo Sultana, ghall-hlas tal-arretrati mill-1998 sal-2009 li jkopru wkoll il-perjodi li qed jigi addebitat lill-appellat. Carmelo Sultana attwa dan il-ftehim u qed isiru pagamenti lid-dipartiment regolari skont il-ftehim milhuq (ara verbal 28 ta' Novembru 2013, fol 36). Permezz tal-verbal tat-8 ta' Mejju 2014 (fol 38) Emanuel Farrugia in rapprezentanza tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni informa lill-Qorti illi missier l-appellat Carmelo Sultana ghamel tlett (3) pagamenti illi bihom kopra t-taxxa dovuta sal-elfejn u hamsa (2005). Pagamenti ohra ghadhom iridu jsiru. Il-Qorti tirrileva illi din il-kawza tirreferi ghal pagamenti ghas-snin 1998, 2001, 2004 u 2005. Kwindi, skont id-dikjarazzjoni ta' Emanuel Farrugia, id-Dipartiment ai fini ta' din il-kawza huwa sodisfatt bil-pagamenti li ghamel missier l-appellat Carmelo Sultana.

Din il-Qorti jidhrilha illi huwa aktar importanti ghad-dipartiment illi jircievi l-hlasijiet dovuti milli jinsisti ghall-kundanna minghajr il-hlasijiet, fejn jista' jkun f'pozizzjoni illi ma jistax jesegwixxi d-decizjonijiet tal-Qorti minhabba l-pozizzjoni finanzjarja prekarja ta' dak li jkun. F'dan il-kaz, missier l-appellat dahal sabiex ihallas il-pagamenti dovuti lid-dipartiment, u hekk sar. U din il-Qorti ma jidhrilhiex illi ghandha ukoll tikkundanna lill-appellat Adrian Sultana ghal xi hlas jew xi multi illi digà rcieva d-dipartiment.

Ghalhekk stante dawn l-izviluppi illi kollha graw wara illi l-ewwel Qorti tat is-sentenza taghha, din il-Qorti ma tahsibx illi ghandha tuza id iebsa fil-konfront tal-appellat.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi li tilqa' in parti l-appell tal-Avukat Generali, tiddikjara l-azzjoni fil-konfront tal-appellat Adrian Sultana bhala mhux preskritta u konsegwentement tirrevoka s-sentenza appellata f'dan is-sens, izda ghal dak li jirrigwarda l-meritu ssib lill-appellat mhux hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u konsegwentement tordna li jigi liberat minn kull imputazzjoni u htija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------